MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2011

Numru. 431/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**FRANCIS BUGEJA SENIOR**
**FRANCIS BUGEJA JUNIOR**

**Illum 12 t'Ottubru, 2011.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **FRANCIS BUGEJA** ta' sittin (60) sena, bin Joseph u Annunziata nee' Vella, mwieled Imsida nhar id-9 ta' Mejju, 1950 u residenti gewwa numru 16, Triq is-Serkin, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' numru 440450M u **FRANCIS BUGEJA** ta' erbgha w ghoxrin (24)

sena, bin Francis u Jacqueline nee' Bugeja, imwieled Pieta' nhar is-27 ta' Jannar, 1987 u residenti gewwa numru 18, Clematis, Flat 2, Triq il-Fniek, Birkirkara jew Blokk G, Entrance A, Flat 2, Tal-Hawli, Birgu, detentur tal-karta tal-identita numru 119687M, tressqu quddiemha akkuzati talli nhar id-19 ta' Marzu, 2011 ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart (14.45hrs) ta' wara nofsinhar, gewwa Triq Aldo Moro, Marsa, u f'dawn il-gzejjer:

1. Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' Christopher Bugeja – Warden 409 u Carmelo Muscat – Warden 136, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni moghtija skond il-Ligi minn awtorita' kompetenti.

2. U aktar talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi ingurajaw, heddu jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' Christopher Bugeja – Warden 409 u Carmelo Muscat – Warden 136 persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. U aktar talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem indecenti w oxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

4. U aktar talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi, mbuttaw lill-imsemmija Christopher Bugeja – Warden 409 u Carmelo Muscat – Warden 136 sabiex iweggghuhom jew jinsulentawhom.

5. Talli b'xi mod attakkaw jew irrezistew bi vjolenza xi gwardjan lokali, b'referenza ghal Christopher Bugeja – Warden 409 u Carmelo Muscat – Warden 136, waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

6. U wkoll talli flimkien ma' theddid, ukoll fil-kaz ta' theddid bil-fomm, ghamlu ordni jew kondizzjoni lil

Christopher Bugeja – Warden 409 u Carmelo Muscat – Warden 136 u Joseph Debono li ghandu numru tal-karta tal-identita’ 712146(M).

Il-Qorti giet mitluba biex f’kaz ta’ htija tal-imputati, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Christopher Bugeja – Warden 409 carmelo Muscat – Warden 136.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fl-ewwel opportunita’ moghtija lilhom, cioe’ waqt il-prezentata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar l-ghoxrin ta’ Marzu 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-prosekuzzjoni.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-**Artikolu 453(1) tal-Kap. 9,** u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li mhumiex hatja din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha, w kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Rat l-ati kollha tal-kawza fosthom l-istatements rilaxxjati mill-imputati esebiti fl-atti w immarkati bhala dokumenti CSH u CSH1, l-okkorrenza mmarkata bhala dokument CSH2 u d-dikjrazzjoni tar-Rifjut immarkata bhala Dok CSH3.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni w cioe’ lil **Warden 409 Christopher Bugeja u Warden 136 Carmelo Muscat** jiddikajraw, bil-gurament taghhom, li llum il-gurnata huma m’ghandhom l-ebda pretensjoni kontra l-imputati odjerni w lanqas m’ghandhom xi pretensjoni fil-konfront taghhom, tant li ma xtaqux jixhdu,

w in vista tal-ammissjoni ta' l-imputati l-Qorti laqghet it-talba taghhom.

Rat dak li gie dikjarat mid-Difiza w mill-Prosekuzzjoni flimkien seduta stante nhar l-20 ta' Settembru 2011, li l-Qorti ghandha tapplika l-provvediment tal-Probation ai termini ta' l-**Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Ikkunsidrat:

Ai fini ta' piena l-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputati fl-ewwel oportunita' li nghatatilhom u cioe' fil-prezentata nhar il-21 ta' Marzu 2011, u b'hekk ma nhela l-ebda hin tal-Qorti.
2. Il-ko-operazzjoni tal-imputati kif jidher minn ezami tal-istqarrijiet rilaxxjati minnhom u esebiti fl-atti, minn fejn jirrizulta li l-imputati minnufih ammettew li kellhom inkontru mal-Wardens in kwisjtoni.
3. Dak li xehedu l-Wardens stess, li huma ma kellhom l-ebda pretensjoni kontra l-imputati, tant li talbu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri.
4. Dak li gie verbalizzat mid-Difiza w mill-Prosekuzzjoni f'daqqa, li huma kienu tal-fehma li din il-Qorti ghandha tapplika l-provvediment tal-Probation.
5. Li l-imputati ghandhom jigu trattati bhala '*first time offenders*' stante li l-Proskeuzzjoni m'esebietx il-Fedini Penali tal-imputati, w ghalhekk ma jririzultax li l-imputati kienu xi darba nstabu hatja ta' xi reat jew kontravenzjoni ohra.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, w cioe' Artikoli 19, 95, 96 (a), 249(2), 338 (bb), 339 (1) (1) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, <u>tiddikjara li qed issib lill-imputati FRANCIS BUGEJA (Senior) u FRANCIS BUGEJA (Junior) hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom mill-Prosekuzzjoni, w dan fuq ammissjoni taghhom stess, u tiddeciedi li tilliberahom taht il-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghall-perijodu ta' tliet (3) snin millum</u> ai termini ta' l-Artikolu 22 (12) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------